MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 545/1999/1

**Maria Zerafa bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Elaine u Keith, hekk nominata b'digriet tal-Qorti datat 16 ta' Settembru 1999, u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2005, Elaine u Keith ahwa Zerafa assumew l-atti tal-kawza minflok ommhom Maria Zerafa stante li saru maggorenni (u bil-provvediment moghti bis-sentenza odjerna, id-digriet tat-18 ta' Marzu 2005, gie revokat contrario imperio u Elaine u Keith ahwa Zerafa inhargu 'l barra mill-kawza)**

**v.**

**Anthony Zerafa**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija fis-27 ta' April 2004, mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha l-konvenut gie ikkundannat ihallas somma li giet likwidata mill-Qorti bhala arretrati ta' manteniment dovuti minnu lill-attrici, Maria Zerafa, bhala kuratrici *ad litem* taz-zewg uliedha, Elaine u Keith Zerafa, waqt li dawn kienu minorenni.

2. Fit-3 ta' Marzu 1991, Maria Zerafa ("l-attrici/l-appellata") intavolat citazzjoni quddiem dik il-Qorti li biha, wara li ghamlet referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li sehhet bejn il-konjugi Zerafa, bil-kuntratt tal-4 ta' Novembru 1994, fl-atti tan-nutar John Cachia Zammit, u wara li ghamlet diversi premessi ohra fosthom li l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-imsemmija uliedu skond l-istess kuntratt, li hija ghandha l-kura u l-kustodja ta' l-istess zewg uliedhom, u li zewgha Anthony Zerafa ("il-konvenut/l-appellant") minn Gunju 1996 waqaf imantni lill-uliedu, talbet lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, li:
"1. Tiddikjara li l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lill-uliedu minuri Elaine u Keith;

2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-ulied minuri Elaine u Keith;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja fuq likwidata ghal uliedu minuri Elaine u Keith;

4. Tillikwida dak l-ammont dovut bhala manteniment ghall-uliedu minuri Elaine u Keith minn Gunju 1996 bhala arretrati ta' manteniment skond il-kuntratt tal-4 ta' Novembru,1994;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma likwidata fir-raba' talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

3. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi sostna li t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti u cioe:
"(a) skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn Maria Zerafa u l-eccipjenti l-eccipjenti mhux obbligat ihallas manteniment u dan peress illi minn Mejju, 1996 hu ma kellu ebda paga jew dhul minn impieg u kontra qalbu l-eccipjenti mhux f'posizzjoni illi jahdem ghal ragunijiet ta' sahha.

(b) l-uniku dhul li l-eccipjenti ghandu fil-prezent huwa ta' LM135 kull erba' gimghat bhala pensjoni ta' l-invalidita`, liema pensjoni beda jircievi minn Settembru, 1998, u li ma isservix ghall-ghixien tieghu.

(c) inoltre l-attrici ghandha bizzejjed mezzi hija nnifisha biex tmantni lill-uliedha."

4. Il-kontendenti ressqu l-provi taghhom quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, li ghaddiet biex ippronunzjat is-sentenza taghha fis-seduta tas-27 ta' April, 2004. Id-dispozittiv ta' din is-sentenza jaqra hekk:
"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici** *stante* li l-ulied llum huma maggorenni, u **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut kellu l-obbligu li jmantni lil uliedu minuri, Elaine u Keith skond il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-partijiet u konjugi Zerafa, datat 4 ta' Novembru 1994 sakemm l-istess minuri jsiru u saru maggorenni.

2. Tastjieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess Elaine u Keith Zerafa saru llum maggorenni.

3. Tastjieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess Elaine u Keith Zerafa saru llum maggorenni.

4. Tillikwida dak l-ammont dovut bhala manteniment ghal uliedu minuri, Elaine u Keith minn Gunju 1996 bhala arretrati ta' manteniment skond il-kuntratt ta' l-4 ta' Novembru 1994 sad-data meta l-istess minuri rispettivament saru maggorenni (a) fl-ammont ta' elf, tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltija (Lm1,332) mid-data ta' Gunju 1996 sad-data ta' Awissu 1998; (b) b'effett minn Settembru 1998 sad-data meta Elaine saret maggoreni fis-somma ulterjuri li tirrizulta bir-rata ta' ghoxrin Lira Maltija (Lm20) fix-xahar bhala retta alimentari tal-minuri pagabbli mill-konvenut; (c) b'effett minn Settembru 1998 sad-data meta Keith sar maggoreni fis-somma ohra ulterjuri li tirrizulta bir-rata ta' ghoxrin Lira Maltija (Lm20) fix-xahar bhala retta alimentari tal-minuri pagabbli mill-konvenut; (d) l-ammont ulterjuri ta' mitjen Lira Maltija (Lm200) li jirrapprezentaw spejjez ta' l-*'A' Levels* ta' Elaine.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici fil-kwalita' taghha premessa bhala manteniment is-somom hekk likwidati bhala 4 (a) (b) (c) u (d) konsegwenti ghar-raba' talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra konvenut."

Kopja shiha ta' din is-sentenza qeghda tigi annessa bhala appendici biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza u dan peress li l-istess sentenza tikkontjeni riassunt tal-provi l-aktar saljenti li ressqu l-kontendenti, kif ukoll il-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod li iddecidietha.

**<u>II L-APPELL</u>**

5. Il-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti, b'rikors prezentat fis-17 ta' Mejju, 2004. Ghar-ragunijiet li huwa jispjega fir-rikors imsemmi, l-appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti li joghgobha:

(1) tannulla s-sentenza appellata, u

(2) subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, fin-nuqqas li tigi annullata l-imsemmija sentenza, li din il-Qorti joghgobha tvarja l-imsmemija sentenza appellata fis-sens li filwaqt li l-imsemmija sentenza tibqa' vigenti ghal dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti astjeniet ruhha milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici, tirrevoka s-sentenza appellata fejn din laqghet it-talbiet kollha l-ohra ta' l-attrici – bl-ispejjez kontra l-attrici ghaz-zewg istanzi.

6. L-appell gie kontestat b'risposta ta' l-appell ta' l-appellata Maria Zerafa, ipprezentata fl-4 ta' Gunju, 2004. F'din ir-risposta hija spjegat ghaliex, fil-fehma taghha s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. L-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjoni li s-sentenza appellata kienet nulla. L-appellant jispjega dan l-aggravju, fi kliemu stess, hekk:
"Illi s-sentenza ma setghetx tinghata ladarba Elaine Zerafa, li twieldet fil-31 ta' Marzu 1983, u Keith Zerafa li twieled fit-23 ta' Novembru 1985, kienu maggorenni u huma ghazlu li ma jilleggittimawx l-atti billi jidhlu personalment fil-kawza wara li ghalqu t-tmintax-il sena. Ghalhekk is-sentenza hija nulla. Dan hu punt rilevanti ghaliex juri illi Elaine u Keith ma kellhomx interess personali li jkomplu l-kawza u ghalhekk li ommhom bdiet f'isimhom."

8. Dwar dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant, l-appellata issottomettiet testwalment hekk:
"ILLI l-ewwel aggravju jikkoncerna punt ta' procedura sollevat mill-appellant dwar il-kwalita` rapprezentattiva ta' l-attrici, fis-sens illi l-ulied minuri ma kienux ghadhom minuri fid-data li nghatat is-sentenza appellata, u li ghalhekk ghaldaqstant kien mehtieg illi l-atti jigu legittimati permezz ta' bdil l-okkju tal-kawza;

"ILLI kjarament, l-attrici kellha fil-mument illi intavolat ic-citazzjoni attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, u

intavolat tali citazzjoni korrettement fuq il-bazi li kellha tali kura u kustodja, u li kienet responsabbli hi personalment ghall-manteniment ta’ wliedha;

“ILLI trattandosi ta’ arretrati ta’ manteniment, il-manteniment kollu mitlub jirrelata ghal tali zmien meta l-ulied kienu ghadhom minorenni u l-ispejjez relattivi ghall-ghixien u edukazzjoni taghhom kienu qeghdin jigu sofferti u sopportati mill-attrici fil-kwalita` taghha premessa;

“ILLI tali kwalita` ma tinbidilx bil-fatt illi l-ulied lahqu l-maggor eta`; kjarament, il-flus huma dovuti lilha li ghixithom u edukathom, u mhux lill-ulied, indipendentement mill-eta` taghhom issa, u l-kwalita` ta’ l-attrici tirreferi ghaz-zmien li kienet kuratrici ta’ wliedha, mhux ghaz-zmien prezenti li ma ghadhiex;

“ILLI kieku l-attrici talbet kif gie sottomess tibdil fl-okkju tal-kawza biex l-atti jghaddu fil-persuna ta’ l-ulied, kienet tinholoq is-sitwazzjoni assurda li l-ulied kienu jigu qeghdin ifittxu ghal manteniment passat li ma giex soffert minnhom imma minn ommhom, mentri ommhom kienet tisfa’ minghajr dritt legali ghall-ispejjez li inkorriet fil-manteniment u edukazzjoni ta’ wliedha;

“ILLI ghaldaqstant, il-manteniment arretrat dovut huwa indubitament dovut lill-attrici, u li d-dritt ta’ azzjoni taghha huwa ankrat fil-kwalita` rapprezentattiva taz-zmien originali li fih bdiet il-kawza;

“ILLI anke kieku stess se mai din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li seta’ jsir xi tibdil kosmetiku fid-dicitura ta’ l-okkju, tali tibdil zgur li ma kienx ikun jaffetwa s-sustanza ta’ l-azzjoni, in kwantu d-dritt ghar-rifuzjoni tal-manteniment arretrat zti (sic) fiha u mhux fl-ulied maggorenni, li ma ghandhom l-ebda dritt ghall-flejjes minfuqa minn ommhom;”

9. Ghandu jinghad li fil-process ma hemm l-ebda certifikat tat-twelid rigward ulied il-kontendenti. Mil-banda l-ohra pero`, id-dati tat-twelid li semma’ l-appellant fl-ewwel

aggravju tieghu ma gewx kontestati mill-appellata u ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonstata li Elaine Zerafa saret maggorenni fil-31 ta’ Marzu 2001, waqt li huha Keith sar maggorenni fit-23 ta’ Novembru, 2003. Konsegwentement, dawn iz-zewgt itfal kienu diga` saru maggorenni qabel ma nghatat is-sentenza appellata. Jirrizulta mill-verbal redatt fl-udjenza tal-14 ta’ Marzu 2005, li d-difensuri tal-partijiet qablu li fil-kaz ta’ Elaine, din saret maggorenni qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza mill-ewwel Qorti. Jirrizulta, pero` mill-atti li Keith Zerafa sar maggorenni wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

10. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, l-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa assolutament bla ebda bazi legali. L-attrici Maria Zerafa ma ghamlitx din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg uliedha minuri. *Invece* hija ghamlitha f’isimha proprju izda fil-kapacita` taghha ta’ kuratrici *ad litem* ta’ l-istess uliedha minuri Elaine u Keith Zerafa. Il-kawza bazikament titratta dwar arretrati ta’ manteniment li l-attrici tallega li kienu dovuti lilha mill-konvenut, u li billi dawn l-arretrati ma thallsux mill-konvenut meta kienu dovuti, l-istess attrici kellha taghmel tajjeb ghalihom hija stess biex rabbiet lill-uliedha, edukathom u taghthom dak kollu li kellhom bzonn. Ghalhekk l-arretrati huma dovuti lill-attrici, *sia pure* li din agixxiet fil-kwalita` taghha ta’ kuratrici *ad litem* ta’ wliedha minuri. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment mas-sottomissjonijiet li ghamlet l-appellata u li huma riportati fil-paragrafu 8 *supra* ta’ din is-sentenza u a skans ta’ ripetizzjonijiet inutili qeghda taghmel referenza ghalihom, billi jidhrilha li huma bazikament korretti. Konsegwentement, l-ewwel aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi respint.

11. Minn dak li ghadu kif ntqal fil-paragrafu precedenti jirrizulta li ma kien hemm l-ebda htiega li Elaine u Keith ahwa Zerafa jintavolaw flimkien ma’ ommhom Maria Zerafa r-rikors li intavolaw fil-15 ta’ Marzu 2005, u li jinsab a fol. 260 tal-process. F’dan ir-rikors tressqet talba biex l-ahwa Zerafa jassumu l-atti ta’ dawn il-proceduri, u biex isiru l-korrezzjonijiet u zidiet mehtiega fl-okkju tal-kawza.

Jirrizulta li fis-seduta tat-18 ta’ Marzu 2005, id-difensur ta’ l-appellant ma opponiex din it-talba u l-Qorti laqghetha, seduta stante, u ordnat li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-prezenza ta’ l-ahwa Zerafa bhala atturi f’din il-kawza mhijiex necessarja ghaliex kif diga` ntqal, l-arretrati tal-manteniment mitluba fl-odjerna citazzjoni huma dovuti lill-attrici in rifuzjoni ta’ l-ispejjez li hija diga` ghamlet biex rabbiet u edukat lill-uliedha proprju fil-kapacita` taghha ta’ kuratrici ta’ l-imsemmija uliedha. Fi kliem iehor, il-kreditur ta’ dawn l-arretrati ta’ manteniment mhumhiex l-ahwa Zerafa izda l-appellata Maria Zerafa. Konsegwentement, din il-Qorti qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fl-udjenza tat-18 ta’ Marzu 2005, u qeghda tordna li Elaine u Keith, ahwa Zerafa, jinhargu ’l barra mill-kawza u li ssir annotazzjoni ta’ dan il-provvediment kull fejn jinhtieg fl-atti.

12. Dwar il-meritu, l-appellant qieghed jikkritika l-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Onorabbli Qorti fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok jissottometti li l-materja ta’ manteniment bejn il-kontendenti kienet giet regolata b’mod ezawrjenti permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-4 ta’ Novembru, 1994. Dan il-kuntratt jorbot lill-partijiet, ghadu vigenti bejniethom u ghalhekk huwa applikabbli ghall-kaz a bazi tal-principju legali *pacta sunt servanda*. Dan il-kuntratt jipprovdi li dan il-manteniment jista’ jigi biss rivedut b’riferenza ghal kwalunkwe zieda jew nuqqas fid-dhul tar-ragel. Jipprovdi wkoll li meta l-manteniment ikun rivedut ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-attrici ghandha tissuplixxi hija stess ghall-manteniment tat-tfal. L-appellant jaghmel referenza ghall-provi, jissottolineja li huwa waqaf jahdem minhabba li marad u li f’dawk ic-cirkostanzi huwa ma jistax jinstab responsabbli li jhallas manteniment skond l-istess kuntratt. Huwa jikkritika l-ewwel Onorabbli Qorti li attribwietlu *malafede* mentri huwa jissottolineja li kellu ragunijiet serji medici li minhabba fihom ma setax jaqdi l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment minhabba li ma baqax jahdem. Huwa jaghmel referenza ghall-pensjoni ta’ l-invalidita` li ircieva minghand l-Istat u sahaq li din hija intiza biss biex tipprovdi ghall-ghixien, b’mod tassew mizeru, ghalih biss u ma kienitx intiza biex jghix haddiehor minnha. Ghalhekk

jenfasizza li bl-ebda mod ma jista' jinghad li huwa ghandu xi dhul li minnu jista' jaghti manteniment lill-uliedu.

13. Fit-tieni lok, l-appellant jargumenta illi jekk anke, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed ikun dispost li ma japplikax strettament il-kundizzjonijiet u t-termini li jinsabu fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fuq imsemmi, u minflok ikun dispost illi japplika r-regoli normali tal-manteniment, cioe` l-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, xorta wahda l-attrici ma kienx ikollha dritt ghall-manteniment. Huwa iccita dan l-artikolu u inkwadra l-interpretazzjoni tieghu tal-fatti fl-isfond ta' dan l-istess artikolu, u mbaghad ikkonkluda li, anke f'dan il-kaz, huwa ma kienx tenut ihallas ebda manteniment ghaliex il-pensjoni li kien jircievi kienet intiza ghalih biss u li l-appellata kellha dhul regolari mill-impieg u ghandha beni immobbli.

14. Din il-Qorti ikkonstatat li dawn is-sottomissjonijiet li qieghed iressaq bhala motivi ta' appell f'din il-kawza, l-appellant kien diga` sostanzjalment ressaqhom permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet li huwa ipprezenta fit-22 ta' Jannar 2004, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, u li tinsab a fol. 196 tal-process. Jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn is-sottomissjonijiet, kif jidher mill-qari tas-sentenza appellata, u din il-Qorti hija tal-fehma li l-istess l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet gusti dwar l-istess sottomissjonijiet tal-konvenut, fis-sentenza li issa qeghdha tigi appellata.

15. Din is-sentenza appellata tikkontjeni sunt dettaljat tal-provi kollha li ressqu l-kontendenti quddiemha. L-ewwel Qorti ghamlet ukoll apprezzament dettaljat ta' dawn l-istess provi fid-dawl ta' dak li hija sejhet il-principju fondamentali ghall-interpretazzjoni tal-kuntratti, u cioe` li l-ftehim ta' bejn il-partijiet huwa l-ligi bejniethom (ara fol. 229 tal-process). L-ewwel Onorabbli Qorti kompliet tghid li dan il-principju jghodd ukoll f'kazijiet ta' separazzjoni personali fejn il-Qorti b'mod eccezzjonali tista' tvarja l-ftehim bejn il-partijiet biss ghar-ragunijiet specifikati fil-ligi minhabba l-interess suprem tal-minuri. L-ewwel Qorti stqarret li hija kienet sejra tapplika dak li gie pattwit bejn il-partijiet, izda li kienet sejra izzomm quddiem ghajnejha l-

principju l-iehor fundamentali ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratti u cioe` li kull kuntratt jew ftehim ghandu jigi esegwit in bona fede. L-ewwel Qorti ikkonstatat li bejn Mejju 1996 sad-data meta z-zewg minuri tal-kontendenti saru maggorenni, il-konvenut ma hallas l-ebda manteniment.

16. L-ewwel Qorti ma accettatx il-verzjoni tal-fatti li ta l-konvenut, liema verzjoni issa qeghda tigi riproposta lil din il-Qorti mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. L-ewwel Onorabbli Qorti, inter alia, ikkummentat hekk:
"Illi huwa jittenta jiggustifika dan peress li jghid li ma setax jahdem peress li kien u ghadu jbati minn dipressjoni u fil-fatt ix-xoghol tieghu gie terminat. Il-kuntratt jitkellem li l-istess manteniment hemm pattwit kellu jizdied jew jigi mnaqqas skond l-introjtu tal-konvenut minn zmien ghal zmien u tali revizjoni kellha issir mill-partijiet abbazi ta' dak li l-kuntratt semma bhala l-proporzjon bejn il-paga tal-konvenut u l-manteniment hemm stabbilit u ghalhekk kellu jsir aggustament fuq il-paga ta' l-istess konvenut hekk kif tirrizulta minn zmien ghal zmien.

"Illi f'dan il-kaz bil-pozizzjoni li assuma l-konvenut minn Mejju 1996 jidher li dan ma setax isir peress li l-konvenut spicca mix-xoghol tieghu ghaliex jghid li kellu dipressjoni li impedietu minn dak iz-zmien li jahdem izjed. Dan huwa konfortat skond il-konvenut, mic-certifikat ta' psikjatra *ex parte.* Li huwa sinfikanti pero' huwa l-fatt li ghall-ewwel l-istess konvenut ma kienx qed jircievi l-ebda *invalidity pension,* ghaliex kellu l-flus il-bank jew investiti fl-ammont ta' bejn zbatax-il elf Lira Maltija u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm17,000 u Lm20,000) (jekk mhux tnejn u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm22,000) – fol. 58) li kien ghadu kemm ircieva konsegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni; allura ra kif ghamel sabiex irtira l-istess depoziti u nvestimenti, b'mod li deher li ma kellux l-ebda kapital, u beda` jircievi l-istess pensjoni fl-1998. Baqa' ma applikax ghall-benefficcji supplementari sabiex skond l-istess konvenut ma jpaxxix il-mara.

"Illi minn dan kollu jirrizulta li l-konvenut ghamel dak kollu li seta` jaghmel sabiex jevita li jhallas il-manteniment ghal

uliedu u dan billi mhux biss spicca mix-xoghol, izda wkoll ra kif ghamel u berbaq il-flus li huwa kellu sabiex skond huwa ezawrixxa l-kapital kollu tieghu kemm sabiex jiehu l-beneficcji socjali u kif ukoll sabiex ma jonorax – obbligi tieghu ta’ manteniment skond il-kuntratt.

“Illi huwa car fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, li l-kwalsola li titkellem fuq manteniment tal-minuri mill-konvenut kienet qed titkellem f’ambitu ta’ gholi u tnaqqis mill-introjtu tal-konvenut, inkluz dak ta’ l-impjieg tieghu izda ma kenitx qed tikomtempla li l-konvenut jispicca jew jitlaq jew jabbanduna l-impieg tieghu.  Huwa veru li l-konvenut kien qed isofri minn xi forma ta’ dipressjoni, izda ma jirrizultax mill-provi prodotti li din kienet tali, li l-istess konvenut jieqaf hekk hesrem mix-xoghol, u mhux biss izda li jillikwida l-kapital kollu tieghu sabiex addirittura jghid li ma hemmx minn fejn imantni lil uliedu, jew sabiex ma jonorax l-obbligi tieghu.

“Illi din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-konvenut agixxa *in mala fede* fl-ezekuzzjoni tat-termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni, u l-azzjonijiet tieghu wara l-istess kuntratt kienu biss immirati sabiex huwa jevadi l-obbligazzjonijiet minnu stess assunti, u sabiex jirrendi t-termini tal-kuntratt kompletament bla effett, u dan sinfikatament fil-konfront ta’ uliedu stess.

“Illi din il-Qorti ma thossx li ghandha titollera din is-sitwazzjoni, iktar u iktar meta mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-konvenut mhux biss ma gewx ippruvati ghas-sodisfazzjoni u fil-grad rikjest mill-Qorti skond il-ligi, bhal fil-kaz ta’ kemm kien jiflah u ma jiflahx il-konvenut biex ma jahdimx ghal dan iz-zmien kollu, izda wkoll bil-mod kif huwa qal li nefaq il-kapital kollu tieghu ta’ almenu ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) jew tnejn u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm22,000) billi fi ftit snin (massimu ta’ sentejn/tlieta) huwa llikwida l-istess.  Huwa qal li ssellef minghand il-familjari – bla ebda prova jew korroborazzjoni; qal li nefaq diversi flejjes sostanzjali ghall-kura – ukoll bla ebda prova – ammetta li berbaq sabiex jiddeverti u wkoll sabiex jehles mid-dipressjoni – izda f’dan kollu l-ebda darba ma qal jew allega li pprova jhallas xi manteniment

ghall uliedu, b'dan li jirrizulta li kienet l-attrici li mantniet unikament lill-istess wild tal-partijiet minn Mejju 1996 'il quddiem.

"Illi fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tal-konvenut ma gewx ghalhekk ippruvati, u li gie ppruvat kien biss li ghalkemm l-konvenut kellu xi diffikultajiet konnessi ma' dipressjoni, pero' huwa jidher li approfitta ruhu mill-istess sabiex jilhaq l-iskop tieghu li ma jhallas l-ebda manteniment kif minnu pattwit fil-kuntratt premess, u sabiex zgur jilhaq l-iskop tieghu huwa llikwida f'qasir zmien il-kapital kollu li kellu, bla ma offra xi beneficcju lil uliedu stess, u hekk baqghet is-sitwazzjoni sakemm l-istess minuri lahqu maggorenni, u certament din il-Qorti ma tistax tissanzjona l-esekuzzjoni *in mala fede* ta' dawn l-obbligi kuntrattwali mill-konvenut. Jidher li l-pika ma' martu hadet is-soppravvent fil-kaz tal-konvenut *stante* li ghazel li tul iz-zmien ma applikax ghal beneficcji ohra sabiex skond huwa ma' jikkomodax b'xi mod lill-attrici – f'din il-pika estrema jidher li wahlu mal-konvenut ukoll uliedu stess, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel talba ghandha tigi milqugha limitatament ghall-perjodu bejn Mejju 1996 sakemm l-istess ulied tal-kontendenti saru maggorenni.

17. L-appellant qieghed jikkontesta dan l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti tal-provi li huma akkwiziti fil-process. Il-principju li din il-Qorti tapplika f'kazijiet bhal dawn huwa wiehed li kostantament gie enuncjat minn din il-Qorti (u minn Qrati ohra in sede ta' appell) u cioe` li hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li taghmel l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti ikun manifestament zbaljat, u ghalhekk ikun dover taghha li tintervjeni biex ma thallix li ssir xi ingustizzja manifesta lejn xi parti jew ohra.

19. Illi din il-Qorti qieset akkuratament il-lanjanzi kollha li ressaq quddiemha l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel

Onorabbli Qorti. Il-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-Qorti hija li mhux biss ma sabet xejn serju li a bazi tieghu ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, izda waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament sostanzjalment gust tal-kumpless tal-provi akkwiziti fil-process.

20. Din il-Qorti, issa ser tghaddi biex tezamina il-likwidazzjoni maghmulha mill-ewwel Qorti dwar l-arretrati tal-manteniment. L-appellant ma jikkritikax specifikatament il-partiti tal-likwidazzjoni ta' l-arretrati tal-manteniment li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Huwa jillimita l-kritika tieghu billi jghid illu huwa ma ghandu jaghti assolutament xejn bhala arretrati ta' manteniment ghaliex kien gustifikat ma jhallasx il-manteniment, tezi, din, li la giet accettata mill-ewwel Qorti u lanqas qeghda tigi accettata minn din il-Qorti. Din il-Qorti tikkondividi l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti rigward l-arretrati tal-manteniment dovuti minn Gunju 1996 sa Awissu 1998, billi jidhrilha li tali likwidazzjoni hija gusta u ekwa. Tirrileva biss li meta l-ewwel Qorti waslet ghas-somma ta' LM1,332 bhala likwidazzjoni ta' dawn l-arretrati, l-ewwel Qorti bi zvista ma qisietx l-arretrati dovuti minn Gunju 1998 sa Awissu 1998, u cioe` s-somma LM199.50c. Billi l-appellata ma ressqet ebda appell incidentali dwar din ic-cirkostanza, evidentement din il-Qorti ma hijiex sejra tvarja l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

21. Is-sentenza appellata illikwidat s-somma ta' LM20 fix-xahar ghal kull minorenni ghall-perjodu minn Settembru 1998 sa meta l-minuri ghalqu t-tmintax-il sena u b'hekk lahqu l-maggor eta`. Din il-Qorti tikkondividi wkoll din il-likwidazzjoni billi hija fic-cirkostanzi wahda gusta. Infatti, tirrifletti piu` o meno, il-proporzjon bejn id-dhul ta' l-appellant mill-pensjoni u l-aggustament tal-manteniment li kellu jsir skond il-kuntratt tal-4 ta' Novembru 1994, in atti tan-Nutar John Cachia Zammit. Jirrizulta li Elaine Zerafa saret maggorenni fil-31 ta' Marzu 2001, waqt li huha Keith ghalaq it-tmintax-il sena fit-23 ta' Novembru, 2003. Billi dawn id-dati ma kienux ghad-dispozizzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, is-sentenza appellata ma illikwidatx

ammont komplessiv ta' manteniment ta' arretrati ghal dan il-perjodu, izda stabbiliet biss il-mod jew il-kriterji kif l-istess likwidazzjoni kellha ssir. Wiehed jista' issa jaghmel il-komputazzjoni matematika ta' l-arretrati in kwistjoni: l-arretrati dovuti lill-appellata ghall-manteniment ta' Elaine ghal dan l-istess perjodu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' LM620 waqt li l-arretrati dovuti ghall-manteniment ta' Keith jammontaw ghas-somma ta' LM1,260. Konsegwentement, l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-appellant lill-appellata a tenur tar-raba' talba fl-att tac-citazzjoni effettivament jikkonsistu fis-somma komplessiva ta' LM3,412 (tlett elef erba' mija u tnax-il Lira Maltija) (u cioe` l-addizzjoni ta' dawn is-somma LM1,332, LM620, LM1,260 u LM200). Dan kollu li qed jinghad dwar din il-komputazzjoni huwa biss "obiter" peress li ma hemm ebda appell dwar l-istess komputazzjoni.

22. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant

Deputat Registratur
Mgc

<u>APPENDICI</u>

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-27 ta' April 2004, qeghda tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------